# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 5.7

## Kap 5: Ngħinu bil-qalb!

## Lezzjoni 5.7 : Grazzi

## L-Għanijiet:



## L-istudenti:

1. Jagħrfu juru l-apprezzament tagħhom lejn in-nies li jgħinuhom u jieħdu ħsiebhom.
2. Jagħrfu kemm hi importanti għan-Nisrani li jgħin lill-oħrajn, ikunu min ikunu.

## Ir-riżorsi għal-lezzjoni:

- Preżentazzjoni *(power point)* bi ħsibijiet għad-diskussjoni.
- Kanzunetta: *Grazzi*
  https://www.youtube.com/watch?v=674MqVS6f6M



## Naqsmu flimkien - Introduzzjoni u diskussjoni tal-bidu

- Introduċi l-lezzjoni bi *brainstorming* qasir billi tistaqsi lill-istudenti jiftakru fil-lezzjonijiet ta' qabel u jagħmlu lista ta' dawk in-nies li jgħinuhom.



- Fakkarhom li l-akbar għajnuna ġejja minn Ġesù li qiegħed magħna u jieħu ħsiebna l-ħin kollu.

## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)



1. Uri l-powerpoint presentation u ddiskuti dawn il-punti:
   a. X'tixtieq li xi ħadd jgħidlek meta tgħinu?
   b. X'suppost ngħid jien?
   c. Lil min irridu ngħinu? Biex naslu li rridu ngħinu anke nies li ma nafuhomx imma huma fil-bżonn: nies fil-bżonn u morda, refuġjati, foqra.
   d. Lil min irridu ngħidu l-iktar 'Grazzi'? Ta' xiex? Hawn irridu naslu li ngħidu 'grazzi' lil Alla ta' kull ma pprovdilna.
2. Spiċċa l-lezzjoni bil-Kanzunetta: Grazzi. Ikun sew kieku jitgħallmu u jkantawha ta' spiss.
   https://www.youtube.com/watch?v=674MqVS6f6M

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)




1. Jeħtieġ li ma ninsewx ngħidu 'Grazzi' lil kull min jgħinna.
2. Kulħadd jieħu gost meta nirringrazzjawh.
3. Għandna ngħidu 'Grazzi' kuljum lil Alla tal-affarijiet li jipprovdilna.
4. Huwa dmir tagħna li ngħinu lil kull min għandu bżonn.

## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

It-tfal japprezzaw dak li ħaddieħor jagħmel għalihom, anke l-iċken azzjoni tajba.




## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

Kanzunetta: *Grazzi* https://www.youtube.com/watch?v=674MqVS6f6M



**Nitolbu:**

O Alla, grazzi tad-dinja sabiħa li ħlaqtilna. Grazzi tal-persuni li tibgħatilna biex jgħinuna kuljum.

